MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 361/2013

**Francis Meli K.I. Nru 62457(M) u**
**Framel Enterprises Ltd. (C-17029)**

**vs.**

**Frank Borg K.I.13174 (M) u**
**Samantha Borg**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Ġunju 2013, illi permezz tiegħu l-atturi talbu l-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' elf erba' mija u sebgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€1470.81) premess illi:

> L-intimat ordna merkanzija mingħand ir-rikorrenti u baqa' bilanċ ta' elf erba' mija u sebgħin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€1470.81) li għadu ma tħallasx minkejja l-l-intimat ġie debitament infurmat dwar dan il-bilanċ.

Għaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitlob illi l-intimati jiġu kkundannati sabiex iħallsu s-somma ta' elf, erba' mija u sebgħin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€1470.81) bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali r-rikorrenti huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

.

Ra r-**risposta tal-konvenuti**, ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn huma eċċepew:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta Samantha Borg ma hix il-leġittima kontradittur u konsegwentement għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi l-kummerċ inkwistjoni jappartjeni esklussivament lill-konvenut Frankie Borg filwaqt li Samantha Borg hija biss *casual substitute helper*;

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, inkwantu t-talbiet diretti minn Francis Meli personalment, l-intimat Frank Borg ma hux il-leġittimu kontradittur u konsegwentement għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti l-ammont mitlub huwa eċċessiv kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.

Bl-ispejjeż.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Ra l-verbal tal-4 ta' Lulju 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Xhieda**

Is-soċjeta` attriċi kienet tbiegħ merċa konsistenti prinċiparjament fi *stationery*, kotba, rigali, *party goods* u *haberdashery* lill-intimati.

Il-provi mressqa huma x-xhieda *viva voce* tal-attur u ta' martu Josette Meli u wkoll tal-konvenuta Samantha Borg. Il-konvenut Frank Borg ma deherx u ma xehedx f'dawn il-proċeduri. Iż-żewġ naħat esebew il-fatturi mertu ta' din il-kawża, l-irċevuti relattivi u prospetti rispettivi tagħhom li minnhom huma waslu għal dak li skond kull parti huwa dovut lis-soċjeta` attriċi.

Il-konvenuti ammettew illi hemm ammont ta' ċirca erba' mitt Ewro li huwa tassew dovut lis-soċjeta` attriċi.

Dwar il-kumplament, inqalgħet il-kwistjoni li l-fatturi relattivi mhumiex iffirmati mill-konvenuta jew minn rappreżentant tal-istess stationery. L-attur isostni li huwa effettivament ikkonsenja dawn l-oġġetti mniżżla fil-fatturi, mentri l-konvenuta tgħid li hija ċertament ma rċeviethomx.

**Konsiderazzjonijiet**

<u>Preliminarjament</u>

Fl-ewwel lok, it-Tribunal jirrileva illi mill-provi jirriżulta li kienet is-soċjeta` attriċi u mhux l-attur Francis Meli f'ismu proprio li kien qiegħed jinnegozja mal-konvenuti jew min minnhom u għaldaqstant it-talba attriċi tispetta biss lis-soċjeta` attriċi u s-sur Meli m'huwiex għajr rappreżentant tagħha fiċ-ċirkustanzi tal-każ. Il-fatturi u l-ireċevuti huma kollha maħruġa minn Framel Enterprises Limited. Għaldaqstant it-talba attriċi tista' tirriżulta biss favur is-soċjeta` attriċi u għandu raġun il-konvenut li jgħid t-talbiet diretti minn Francis Meli personalment u fil-konfront tiegħu ma jistgħux jirnexxu.

Fit-tieni lok, il-konvenuta Samantha Borg, tallega li l-ħanut mhuwiex tagħha iżda tal-partner tagħha Frank Borg u li hija biss *substitute casual worker* u li bħala tali hija m'hijiex il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fl-istadju tal-provi ma nġibietx prova ċara lil min isejjaħ l-istationery "All in One" bħal ngħidu aħna fuq min qiegħed reġistrat in-numru tal-VAT relattiv, jew min jiddikjara l-profitti tiegħu għal fini ta' taxxa. Pjuttost mix-xhieda mogħtija mill-konvenuta

Samantha Borg, it-Tribunal ingħata l-impressjoni li hija tkun f'dan il-ħanut fil-biċċa l-kbira tal-ħin u li għandha interess kbir fil-ġestjoni tiegħu. Illi fin-nuqqas ta' prova ċara, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-eċċezzjoni mressqa minn Samantha Borg li hija m'hijiex il-leġittimu kontradittur u dan stante li dan ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

Fil-mertu, f'dan il-każ it-Tribunal għandu quddiemu ż-żewġ verżjonijiet direttament opposti minn xulxin, u għalhekk kellu jserraħ prinċiparjament fuq il-kredibbilta` tax-xhieda.

It-Tribunal mill-assjem tal-provi prodotti huwa tal-fehma illi l-merċa elenkata fil-fatturi numerati 33177, 33271, 33349 u 33409 li jinsabu fil-fol.31 et sequitur tal-proċess ġiet effettivament ikkonsenjat lill-konvenuti. Il-konvenuta ssostni li hija ma rċevietx dawn l-oġġetti u sserraħ l-argument tagħha li dawn l-erba' fatturi mhumiex iffirmati minnha jew minn rappreżentant tal-ħanut.

Kien inkun ferm iktar għaqli da parti tas-soċjeta` attriċi li titlob il-firma tal-klijent, u kien ikun eħfef għaliha li tipprova l-każ tagħha. Kien ikun għaqli wkoll min-naħa attriċi li kull tant żmien tgħaddi statement lill-klijent u dana sabiex id-differenzi ma jilħqux jikbru, u l-kwistjonijiet jiġu indirizzati iktar kmieni.  Dana qiegħed jingħad ukoll in vista tad-deċiżjoni tat-Tribunal dwar il-kap tal-ispejjeż.

Minkejja dan in-nuqqas, it-tribunal huwa tal-fehma li t-talba attriċi xorta waħda ġiet sodisfaċentement ippruvata, mhux bil-firem tal-klijent naturalment, iżda bl-assjem tal-provi prodotti min-naħa tas-soċjeta` attriċi. It-Tribunal ikkonsidra l-mod kif is-sur Meli u martu kienu jafu l-pagamenti li saru mill-konvenuti fuq liema fatturi marru, u aċċetta wkoll l-ispjegazzjoni mogħtija min-naħa attriċi li ċerti fatturi ma kienux iffirmati stante li wieħed ikun bena rapport ta' ħbiberija mal-klijent u għaldaqstant jibda jafdah iktar. Ikkunsidra wkoll li kien hemm fatturi oħra li ma kienux iffirmati min-naħa konvenuta, li xorta waħda ġew imħallsa u għaldaqstant rikonoxxuti.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti, għajr għat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom u jilqa' t-talba attriċi kif dedotta mis-soċjeta` Framel Enterprises Limited. Konsegwentement it-Tribunal qiegħed jordna lill-konvenuti solidalment sabiex iħallsu lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elf erba' mija u sebgħin Ewro u wieħed u tmenin ċentežmu (€1470.81) bl-imgħax legali,  dekorribli mis-17 ta' Ġunju 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-kawża odjerna, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------